

Brussell, 12 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6976/21

SOC 142

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Integrazzjoni tat-Tixjiħ fil-Politiki Pubbliċi

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Integrazzjoni tat-Tixjiħ fil-Politiki Pubbliċi, approvati bi proċedura bil-miktub fit-12 ta' Marzu 2021.

L-Integrazzjoni tat-Tixjiħ fil-Politiki Pubbliċi
Konklużjonijiet tal-Kunsill

WAQT LI JIRRIKONNOXXI LI:

1. It-tixjiħ tal-popolazzjoni huwa fenomenu mifrux mal-UE kollha b'implikazzjonijiet soċjoekonomiċi u demografiċi fit-tul li jgħibu magħhom sfidi u opportunitajiet, u jirrikjedi azzjoni madwar l-UE kollha li tippermetti lill-persuni akbar fl-età jgawdu d-drittijiet fundamentali tagħhom u jilhq u l-potenzjal shi tagħhom.
2. L-Ewropej qed jgħixu aktar minn qatt qabel, u l-profil tal-età tas-soċjetà qed jevolvi malajr. Huwa stmat¹ li sal-2060 l-istennija tal-għomor medja ser tiżdied bi 8.5 snin għall-irġiel (sa 84.5 sena) u b'6.9 snin għan-nisa (sa 89 sena), b'diskrepanzi relattivament żgħar bejn l-Istati Membri, li huma notevoli fir-rigward tal-istennija tal-għomor fi stat ta' saħħa.
3. Il-kontribut tal-persuni akbar fl-età fl-aspetti kollha tas-soċjetà – kemm jekk bħala prestazzjoni ekonomika fuq il-post tax-xogħol, jew bħala imprendituri (produtturi) jew konsumaturi, jew għall-koeżjoni soċjali bħala voluntiera, indukraturi jew promoturi tat-tagħlim interġenerazzjonali bl-għarfien u l-esperjenza akkumulati kollha tagħhom – qed jiġi rikonoxxut fid-dibattiti ta' politika fil-livell tal-Unjoni u f'għadd dejjem akbar ta' Stati Membri.
4. Il-persuni akbar fl-età mhumie x grupp omoġenju; ikollhom ħtiġijiet, preferenzi u opportunitajiet differenti matul ħajjithom.

¹ *Ageing Europe*, Eurostat, 2019 edition, <https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-statistical-books/-/KS-02-19-681>.

5. Għalkemm inkisbu suċċessi sinifikanti fil-ġlieda kontra l-faqar fost il-persuni akbar fl-età f'dawn l-aħħar deċennji, hemm qbil ġenerali li l-persuni akbar fl-età² – speċjalment in-nisa akbar fl-età³ – jinsabu f'riskju kbir ta' faqar jew esklużjoni soċjali. L-introjti tal-persuni akbar fl-età huma bħala medja kemxejn inqas (92 %) minn dawk tal-popolazzjoni totali. Madankollu, ir-rati tal-faqar tagħhom huma inqas (16.1 % meta mqabbla ma' 16.5 % għall-popolazzjoni totali tal-UE27 fl-2019), u dan għax l-introjtu f'età akbar qed jitqassam b'mod aktar ugwali. It-trasferimenti soċjali, u b'mod partikolari l-pensjonijiet, għandhom rwol sinifikanti fit-tnaqqis tar-rata tar-riskju ta' faqar għall-persuni akbar fl-età, iżda l-impatt tagħhom ivarja ħafna bejn l-Istati Membri.
6. Għalkemm ipprojbta mid-dritt tal-Unjoni, id-diskriminazzjoni marbuta mal-età, imsejħa wkoll "etaiżmu", hija fenomenu li jseħħ spiss li jistigmatizza lill-persuni akbar fl-età u li fih jindaħlu raġunijiet oħra ta' diskriminazzjoni. Il-kumplessità u l-multidimensjonalità tad-diskriminazzjoni marbuta mal-età teħtieġ approċċi multisettorjali u intersezzjonali komprensivi u impenn qawwi mifruq favur l-aġenda tat-tixjiħ fil-livelli kollha tas-soċjetà. Fl-istess ħin, għandhom ikunu evitati sorsi ġodda ta' diskriminazzjoni u esklużjoni tal-persuni akbar fl-età, pereżempju billi jingħata appoġġ lill-persuni akbar fl-età fil-kisba tal-ħiliet li jeħtieġu biex ikunu parti minn soċjetà li qed tinbidel malajr imsawra mit-trasformazzjoni diġitali u t-tranżizzjoni ekoloġika. L-etaiżmu għandu impatt negattiv fuq l-opportunitajiet għan-nies, il-livelli ta' parteċipazzjoni, is-saħħa u l-benessri tagħhom, u jseħħ f'kuntesti differenti, bħal pereżempju s-suq tax-xogħol, il-komunità lokali, l-ambjent soċjali, is-soċjetà tal-konsumaturi, sferi politiċi, u l-media.
7. Huwa essenzjali li s-sistemi tal-protezzjoni soċjali tal-Istati Membri jiġu adattati biex ikopru l-ħtiġijiet tal-gruppi tal-etajiet kollha b'mod adegwat u sostenibbli. Għalhekk huwa kruċjali li jittieħed kont sħiħ tat-tixjiħ tal-popolazzjoni, li b'hekk jippromwovi l-kambjament f'dan il-kuntest⁴. Huwa wkoll fundamentali li tinstab ekwità bejn il-ġenerazzjonijiet u li jinżamm il-bilanċ fl-appoġġ soċjali fost l-etajiet differenti.

² https://www.who.int/health-topics/ageing#tab=tab_1

³ Katalgu tal-pubblikazzjonijiet - Impjiegi, affarijiet soċjali u inklużjoni - Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu)

⁴ https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Population_structure_and_ageing.

8. Il-vjolenza kontra l-persuni akbar fl-età, li tista' tkun f'diversi forom, inkluż vjolenza fiżika, psikoloġika, sesswali, jew ekonomika, minħabba abbandun, abbuż jew negliġenza, hija problema multidimensjonali emerġenti. Tinvolvi diversi fatturi u sseħħ kemm f'kuntest ta' familja kif ukoll f'kuntest istituzzjonali. Minkejja li l-kuxjenza qiegħda dejjem tikber, din il-vjolenza tibqa' problema ta' drittijiet tal-bniedem u fenomenu soċjali li spiss huwa diffiċli li jinkixef minħabba l-prossimità u l-iżbilanċi tas-setgħa fir-relazzjonijiet ta' daww involuti. Għalhekk, huma meħtieġa metodi robusti ta' prevenzjoni u intervent u għodod ta' monitoraġġ li, fost oħrajn, ikunu mfassla tajjeb u bbażati fuq il-komunità. Il-vjolenza, b'mod partikolari l-vjolenza domestika, għandha impatt kbir fuq in-nisa akbar fl-età; dawn jistgħu jkunu f'pożizzjoni partikolarment vulnerabbli u jista' jkollhom nuqqas ta' aċċess għal servizzi ta' appoġġ.
9. L-iżolament soċjali u s-solitudni mhux mixtieqa, li huma konsegwenza ta' diżimpenn soċjali f'attivitajiet ġenerali bbażati fil-komunità, għandhom jiġu evitati; dan jista' jsir, fost oħrajn, bil-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali, speċjalment għan-nisa, li jippermetti lin-nies ikollhom aċċess aktar faċli għal attivitajiet ta' kultura u divertiment, prodotti u servizzi, inkluż servizzi finanzjarji, edukazzjoni tul il-ħajja u opportunitajiet ta' taħriġ, riabilitazzjoni, kura tas-saħħa u servizzi soċjali, li kollha jippromwovu ħajja attiva dinjituża, sana u sinifikattiva.
10. Il-pandemija globali tal-COVID-19 affettwat b'mod sproporzjonat is-saħħa fiżika u mentali ta' ħafna persuni akbar fl-età. L-azzjoni meħuda għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika, b'mod partikolari r-restrizzjonijiet soċjali, qed ikollha konsegwenzi ħżiena għal dan il-grupp partikolari, billi taggrava l-iżolament soċjali msemmi hawn fuq.
11. L-aspettattivi, il-potenzjali u l-ħtiġijiet tal-persuni akbar fl-età għandhom jiġu kkunsidrati fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-gvernijiet u ta' korpi pubbliċi oħra, fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livelli reġjonali u lokali.
12. Għandhom jiġu żgurati l-aċċess għal servizzi ta' kura integrati, maħsuba għan-nies u mfassla individwalment kif ukoll il-parteċipazzjoni fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

13. Il-lonġevità dejjem titwal toħloq sfidi kif ukoll opportunitajiet għall-għoti ta' appoġġ soċjali, is-sistemi għall-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, is-sistemi tas-sigurtà u l-ħarsien soċjali (speċjalment is-sistemi tal-pensjonijiet), il-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, is-swieq tax-xogħol kif ukoll għall-familji u r-relazzjonijiet bejn il-ġenerazzjonijiet. Tirrikjedi ppjanar bil-quddiem, għarfien tal-potenzjal tal-persuni akbar fl-età u l-kapaċità ta' adattament, speċjalment għar-realtajiet soċjali, diġitali u finanzjarji.
14. L-"ekonomija tal-fidda" tista' tipprovdi l-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku fl-Unjoni f'diversi setturi, speċjalment dawk tal-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul. Tista' thegġegħ l-innovazzjoni biex jingħataw servizzi tas-saħħa, soċjali u diġitali ta' kwalità għolja b'mod aktar effiċjenti.
15. Sa ċertu punt, it-trajettorji professjonali tal-ħaddiema akbar fl-età nbnew madwar attivitajiet u tipi ta' impjieg li qed jonqsu. Dan jgħid li sfidi sinifikanti f'termini tal-aġġornament tal-ħiliet u l-għarfien biex jiġi evitat ħruġ bikri mhux intenzjonat mis-suq tax-xogħol u telf fil-potenzjal produttiv li jirrappreżentaw dawn il-ħaddiema. Minbarra l-valur fih innifsu tal-esperjenza u l-għarfien professjonali akkumulati tal-ħaddiema akbar fl-età, dawn jista' jkollhom rwol ewlieni fil-faċilitazzjoni tat-trasferiment tal-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi esperti bejn il-ġenerazzjonijiet. L-aġġustament tal-kompiti, l-adattament mill-ġdid tal-intensità tax-xogħol, il-promozzjoni ta' ambjenti tax-xogħol tajbin għas-saħħa, il-faċilitazzjoni tal-mobbiltà u l-apprezzament tat-tagħlim tul il-ħajja għandhom għalhekk jingħataw prijorità.
16. Ħafna drabi, l-istruttura soċjali attwali u l-miżuri meħuda dwar it-tixjiħ tal-popolazzjoni huma settorjali u frammentati, u huma ffukati l-aktar fuq is-saħħa fiżika, waqt li jittraskuraw il-perspettiva progressiva tant meħtieġa maħsuba biex jinkisbu stat ta' saħħa u benessri mentali ġenerali. L-età u t-tixjiħ jistgħu joffru għadd ta' opportunitajiet meta jiġu integrati tajjeb fil-politiki rilevanti kollha.
17. Biex tinbena soċjetà għall-etajiet kollha li tkun ippreparata għal lonġevità attiva b'nies li jgħixu ħajja itwal – fis-sħuħija, il-potenzjal u d-dinjità kollha tagħha – huwa importanti li jiġu żgurati d-dritt għall-parteċipazzjoni, it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-awtonomija u l-aċċess għalihom.

18. Akkomodazzjoni sikura, aċċessibbli u bi prezz li jintlaħaq, ibbażata fuq il-kunċett ta' disinn għal kulħadd, tista' żżomm jew ittejjeb is-saħħa, il-benessri u l-interazzjonijiet soċjali meta n-nies jixjieħu, u tista' ttejjeb haġna l-kwalità tal-ħajja u l-awtonomija.
19. L-istandards tal-ġhajxien tal-persuni akbar fl-età huma influwenzati mill-ġid u l-aċċess għas-servizzi, b'mod partikolari fil-qasam tal-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, iżda wkoll mill-aċċess għall-impjiegi u l-parteċipazzjoni fis-soċjetà. Servizzi pubbliċi jew issussidjati ta' kwalità tajba li jkunu disponibbli, aċċessibbli, sostenibbli, bi prezz li jintlaħaq u li jqisu l-ħtiġijiet individwali differenti tal-persuni akbar fl-età huma determinanti importanti li jiżguraw standards tal-ġhajxien xierqa. Spiss in-nisa akbar fl-età jirċievu introjti aktar baxxi u jħabbtu wiċċhom ma' riskji oġġla ta' faqar milli l-irġiel akbar fl-età. Dan spiss huwa marbut ma' trajettorji tax-xogħol li jiġu adattati u/jew interrotti għal raġunijiet ta' kura, pagi aktar baxxi f'setturi u okkupazzjonijiet iddominati min-nisa, diskriminazzjoni fil-pagi u differenzi fil-pensjonijiet ta' madwar 30 %⁵.
20. B'segwitu għall-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali ta' Madrid dwar it-Tixjiħ tan-NU u l-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Reġjonali relatata tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa (UNECE) - (MIPAA/RIS) u l-Indiċi tat-Tixjiħ Attiv⁶, kif ukoll id-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Lisbona tal-2017 maħruġa fir-Raba' Konferenza Ministerjali tal-UNECE dwar it-Tixjiħ, bit-titolu "Soċjetà Sostenibbli għall-Etajiet Kollha: It-twettiq tal-potenzjal ta' ħajja itwal" u d-Deċennju ta' Tixjiħ b'Saħħtu 2021-2030 tan-NU, kien meqjus essenzjali li t-tixjiħ jiġi integrat aktar fl-oqsma ta' politika rilevanti u li l-etaiżmu jiġi miġġieled fil-bosta forom tiegħu, u b'hekk l-Istati Membri tal-UE jingħataw linji gwida għall-iżvilupp ta' politiki trasversali fis-soċjetà kollha.

⁵ Closing the gender pension gap? (Qed tonqos id-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet?) <https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/-/DDN-20200207-1>

⁶ Żvilupp ta' b'mod konġunt mill-Kummissjoni Ewropea u l-UNECE

21. L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti u l-għanijiet rilevanti tagħha tipprovdi pjan globali biex jinkiseb żvilupp sostenibbli b'mod ibbilanċjat u tfittex il-materjalizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem għan-nies kollha, tal-etajiet kollha b'attenzjoni partikolari għan-nies l-aktar vulnerabbli, inkluż il-persuni akbar fl-età.
22. L-integrazzjoni tat-tixjiħ tfisser strateġija multidimensjonali li tintegra t-temi tat-tixjiħ attiv u l-lonġevità kif ukoll aspetti ta' ekwità bejn il-ġenerazzjonijiet fl-oqsma kollha ta' politika fil-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet.
23. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandu l-għan li jdaħħal l-ekwità u li jappoġġa l-ħajja ta' kuljum ta' kull ċittadin, f'kull età, permezz ta' opportunitajiet indaqs u aċċess għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u inklużjoni u protezzjoni soċjali xierqa. Ħafna mill-prinċipji tiegħu huma essenzjali għall-appoġġ tal-politiki dwar it-tixjiħ attiv u l-parteciġazzjoni u l-involviment ugwali tal-persuni akbar fl-età fl-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna.
24. Il-Kummissjoni adottat l-Istrateġija dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità bil-għan li timplimenta l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità tan-NU sabiex tiżgura kemm l-inklużjoni soċjali u ekonomika sħiħa tal-persuni b'diżabilità, inkluż il-persuni akbar fl-età, fis-soċjetà, ħielsa mid-diskriminazzjoni, kif ukoll ir-rispett sħiħ tad-drittijiet tagħhom.
25. Il-Green Paper dwar it-Tixjiħ⁷ tal-Kummissjoni nediet dibattitu pubbliku wiesa' dwar l-isfidi u l-opportunitajiet tas-soċjetà Ewropea li qed tixjieħ, b'riflessjoni fuq l-impatt universali tat-tixjiħ fuq il-ġenerazzjonijiet u l-istadji kollha tal-ħajja. Hija tibni fuq ir-Rapport dwar l-Impatt tat-Tibdil Demografiku⁸, li ppreżenta l-fatti importanti tat-tibdil demografiku u l-impatti li x'aktarx ikollu;

⁷ 5827/21

⁸ 8991/20

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

JISTIENEN LILL-ISTATI MEMBRI, F'KONFORMITÀ MAL-KOMPETENZI TAGĦHOM, U B'KONT MEĦUD TAĊ-ĊIRKOSTANZI NAZZJONALI, WAQT LI JIĠU RISPETTATI R-RWOL U L-AWTONOMIJA TAS-SĦAB SOĊJALI, BIEX:

26. JELABORAW, jekk mhux diġà stabbilit, Qafas Strateġiku nazzjonali għall-Integrazzjoni tat-Tixjiħ li jagħti linji gwida u rakkomandazzjonijiet dwar kif jiġu massimizzati l-benefiċċji, jiġu ttrattati r-riskji potenzjali u jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin tal-lonġevità li qed tiżdied tal-popolazzjoni, u jikkunsidrawh fil-politiki rilevanti kollha nazzjonali, reġjonali u lokali, waqt li jqisu l-qafas ta' politika eżistenti fil-livell tal-Unjoni;
27. Jippromwov politiki pubbliċi koerenti, koordinati u trasversali sabiex iwieġbu għall-komplessità tal-isfidi u l-opportunitajiet ippreżentati mil-lonġevità, waqt li jippermettu tranżizzjonijiet bla xkiel tul iċ-ċiklu tal-ħajja;
28. Jiżguraw approċċ trasversali u tul il-ħajja għal-lonġevità, ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, li jqis l-aspetti tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jinvolvi l-partijiet ikkonċernati kollha rilevanti fis-settur pubbliku, is-settur privat u t-tielet settur, kif ukoll il-gruppi fil-mira. Jipprevedu approċċ li jħaddan il-ħtiġijiet tan-nies ta' kull età, li fost oħrajn iqis li l-benessri fix-xjuħija jibda kmieni fil-ħajja;
29. Itejbu l-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul u l-kwalità tagħhom, inkluż billi jiżviluppaw u jiżguraw aċċess għal servizzi li jipprovdu kura integrata u ffukata fuq il-persuni akbar fl-età, u jrawmu integrazzjoni mtejbja bejn is-servizzi soċjali u tas-saħħa biex jinżammu u jitjiebu l-kapaċitajiet fiżiċi u konjittivi tal-persuni akbar fl-età;
30. Ikomplu jimmodernizzaw is-sistemi ta' protezzjoni soċjali u jiżguraw fost oħrajn il-bilanċ bejn kopertura xierqa tar-riskji kollha marbuta mal-età, is-sostenibbiltà finanzjarja u l-ġustizzja interġenerazzjonali, u b'hekk jiżguraw id-dinjità tul il-ħajja kollha;

31. Jikkunsidraw perkorsi tal-irtirar alternattivi u aktar flessibbli li jipprovdu inċentivi għal ħajja itwal ta' xogħol attiv;
32. Ifittxu mekkaniżmi innovattivi u kreattivi biex jippromwovu s-solidarjetà u l-interazzjoni interġenerazzjonali, billi jrawmu l-volontarjat fost il-persuni akbar fl-età u ż-żgħażaġh sabiex jiġu evitati s-solitudni u l-iżolament, u biex tiġi miġġielda kull forma ta' vjolenza, inkluż vjolenza abbażi tal-ġeneru u vjolenza domestika, abbuż u negliġenza kontra l-persuni akbar fl-età;
33. Jintrabtu li jrawmu t-tixjiħ attiv u fi stat ta' saħħa, u l-integrazzjoni sħiħa tal-persuni akbar fl-età fis-soċjetà u fil-komunità;
34. IKOMPLU JNEĦĦU l-lakuni fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni akbar fl-età, fejn xieraq, u jiġġieldu l-etaiżmu u d-diskriminazzjoni abbażi tal-età lil hinn mill-impjieg, speċjalment fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi u l-protezzjoni soċjali, skont il-bilanċ imsemmi fil-Paragrafu 30;
35. Jadattaw ir-rispons soċjali għall-ħtiġijiet individwali speċifiċi tal-persuni akbar fl-età, kull meta jkun possibbli, u skont xewqathom;
36. Jiżviluppaw kultura kostruttiva lejn il-gruppi differenti ta' persuni akbar fl-età, billi jrawmu xbieha pożittiva tagħhom, waqt li jitqiesu l-ħtiġijiet, l-opportunitajiet u l-preferenzi eteroġenji tagħhom, sabiex jippromwovu soċjetà inklużiva li ma tissegregax, ma tiddiskriminax u ma xxerridx preġudizzju kontra l-persuni akbar fl-età (ġerontofobija);

37. JIPPROMWOVU l-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet⁹, b'mod partikolari dawk b'rabta mal-ambjenti tax-xogħol, permezz tal-adattament tal-postijiet tax-xogħol għall-ħtiġijiet ta' forza tax-xogħol li dejjem qed tixjieħ, inkluż b'diġitalizzazzjoni msaħħa kull meta jkun possibbli, il-promozzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u tajbin għas-saħħa, u arranġamenti tal-ħin, sabiex tiġi evitata d-diskriminazzjoni marbuta mal-età fl-impjiegi, l-inkoraġġiment lil min iħaddem biex iżomm u jimpjega ħaddiema akbar fl-età, inkluż il-possibbiltà tal-espansjoni tal-attività professjonali lil hinn mill-età normali tal-pensjoni, jekk il-ħaddiem anzjan jaqbel, u l-abilitazzjoni ta' ħajja tax-xogħol itwal, iktar attiva u iktar sana għall-ħaddiem, bl-involviment dovut tas-sħab soċjali fil-limiti tal-kompetenzi rispettivi tagħhom;
38. Iqisu l-kundizzjonijiet jew il-ħtiġijiet speċjali tal-persuni akbar fl-età b'diżabilitajiet differenti; jippromwovu l-aċċessibbiltà tal-prodotti, is-servizzi, l-ispazji tal-għajxien, u, b'mod partikolari: Jiżviluppaw servizzi ta' appoġġ fid-dar u lokali li jgħinu lill-persuni akbar fl-età, inkluż dawk b'diżabilità, u jadattaw l-akkomodazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jibqgħu jgħixu fis-sikurezza f'darhom, jekk ikunu jixtiequ;
39. Jappoġġaw l-ippjanar urban u rurali sostenibbli li jippromwovi l-mobbiltà, imsejjes fuq disinn universali, is-sikurezza, il-konvenjenza u l-benessri, u li jiffaċilita l-parteċipazzjoni fil-ħajja soċjali għall-persuni akbar fl-età u l-aċċess għas-servizzi u l-infrastruttura kollha meħtieġa, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet individwali speċifiċi tagħhom;
40. Jippromwovu l-iżvilupp ta' networks tat-trasport pubbliku aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha, b'rotot li huma xierqa għall-ħtiġijiet tal-persuni akbar fl-età, sabiex tiġi żgurata l-mobbiltà sħiħa tagħhom;

⁹ <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-17468-2012-INIT/mt/pdf>

41. Joħolqu u jippromwovu l-użu ta' mekkaniżmi ta' network (pubbliċi jew privati), bl-użu ta' għodod diġitali integrati u aċċessibbli li jiggwarantixxu s-sikurezza, is-saħħa u l-benessri tal-persuni akbar fl-età fid-dimensjonijiet kollha tagħhom u jkunu kapaċi jagħmlu monitoraġġ tal-ħtiġijiet tagħhom, filwaqt li jiżguraw il-protezzjoni tad-data u l-privatezza;
42. Jippromwovu investiment qawwi fl-"ekonomija tal-fidda" bħala mod kif jitmexxew 'il quddiem l-iżvilupp lokali, il-koeżjoni territorjali u t-tkabbir ekonomiku, billi jingħata valur lill-kapaċità produttiva u ta' akkwist tal-persuni akbar fl-età;
43. Iqisu l-kontribut importanti tal-persuni akbar fl-età fil-kura informali mogħtija lill-membri tal-familja, fosthom lill-persuni b'diżabilità, li huwa ta' appoġġ għall-ġenerazzjonijiet żgħażaġħ biex jibbilanċjaw ix-xogħol mal-ħajja privata. F'dan il-kuntest, jippromwovu t-tqassim ugwali tar-responsabbiltajiet ta' kura bejn in-nisa u l-irġiel; u JIŻVILUPPAW miżuri ta' appoġġ, filwaqt li jwettqu aktar progress bl-estensjoni ta' servizzi ta' kura fit-tul formali ta' kwalità u bi prezz li jintlaħaq biex tittaffa l-pressjoni fuq l-indoktruri informali;

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGħHOM U B'KONT DOVUT GħALL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ FILWAQT LI JIRRISPETTAW IR-RWOL U L-AWTONOMIJA TAS-SĦAB SOĊJALI, BIEX:

44. Jadottaw approċċ li jintegra l-etajiet u li jinkludi perspettiva ta' ċiklu tal-ħajja u bbażata fuq id-drittijiet fir-rigward tat-tixjiħ, li jqis u jindirizza d-diversità u l-ħtiġijiet differenti tan-nisa u l-irġiel f'soċjetà miftuħa għall-etajiet kollha, b'kont meħud tal-approċċ fuq żewġ binarji tal-integrazzjoni tat-tixjiħ: it-tixjiħ tal-popolazzjoni bir-responsabbiltà għas-soċjetà li tħejji u tadatta għall-ħtiġijiet individwali taċ-ċittadini tul ħajjithom kollha; jitkomplew l-inkoraġġiment u l-abilitazzjoni ta' tixjiħ attiv u fi stat ta' saħħa;

45. Jintrabtu li jqisu lill-persuni akbar fl-età minn prospettiva bijopsikosoċjali u ambjentali, filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet u l-preferenzi individwali tagħhom, jippromwovu l-awtodeterminazzjoni, l-awtonomija u l-parteċipazzjoni ċivika, u l-fatt li l-promozzjoni tas-saħħa u l-isforzi għall-prevenzjoni tal-mard jistgħu jtejbju l-kwalità tal-ħajja;
46. Jaħdmu b'mod konġunt lejn l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għal persuni ta' kull età, b' mod partikolari dawk relatati mad-dritt ta' aċċess għal servizzi tas-saħħa u tal-kura fit-tul ta' kwalità, il-pensjonijiet u l-introjt tal-persuni akbar fl-età, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità u l-opportunitajiet indaqs;
47. Jiżviluppaw miżuri sostenibbli u adegwati biex jiżguraw solidarjetà u ekwità intragenerazzjonali u interġenerazzjonali, isaħħu s-sostenibbiltà iżda wkoll il-koeżjoni soċjali, u jqisu l-ħtiġijiet, l-aspettattivi, ir-responsabbiltajiet u l-potenzjalitajiet tal-ġenerazzjonijiet attwali u futuri;
48. Jirrikonoxxu li l-lonġevità attiva aktar fit-tul teħtieġ, fost oħrajn, investiment aħjar f'għadd ta' oqsma ta' politika, inkluż it-tagħlim tul il-ħajja, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, adattamenti fl-akkomodazzjoni u fil-postijiet tax-xogħol, kura tas-saħħa u fit-tul, li jappoġġaw il-miżuri previsti fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Parteċipazzjoni u l-Benessri ta' Persuni Akbar fl-Età fl-Era tad-Digitalizzazzjoni¹⁰;
49. Jippromwovu l-inklużjoni ta' rappreżentanti minn gruppi ta' etajiet differenti fl-istadji kollha tal-proċessi pubbliċi ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jsaħħu l-pożizzjoni għall-persuni akbar fl-età, bl-appoġġ ta' investiment fit-tagħlim tul il-ħajja, sabiex isaħħu l-parteċipazzjoni ċivika u politika tagħhom;
50. JINDIRIZZAW is-sitwazzjoni partikolari tal-ħaddiema akbar fl-età fl-ambitu tal-Oqfsa Strateġiċi dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali, bħala kontribut għal tixjiħ aħjar fuq ix-xogħol;

¹⁰ 11717/2/20 REV 2

51. Jimplimentaw l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa, biex jippromwovu opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd, inkluż għall-persuni akbar fl-età, sabiex dawn iżommu l-ħiliet tagħhom u jtejbuhom, u b'hekk jappoġġaw il-parteċipazzjoni attiva tagħhom fis-suq tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali tagħhom, speċjalment permezz tal-iżvilupp tal-ħiliet diġitali, speċjalment għan-nisa;
52. Jippromwovu ċ-ċittadinanza attiva u l-parteċipazzjoni tal-persuni akbar fl-età fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali;
53. JIEĦDU RENDIKONT ta' u JĦADDMU miżuri biex jindirizzaw l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq persuni li qed tittieħed kura tagħhom, speċjalment il-persuni akbar fl-età, u fuq dawk li jagħtu l-kura kif ukoll fuq is-soċjetà u l-ekonomija inġenerali, inkluż is-settur tal-kura fit-tul;
54. IQISU l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 b'attenzjoni speċifika lill-persuni b'diżabilità akbar fl-età. JIPPROMWOVU l-Istrateġija fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fl-Istati Membri biex jittieħed kont tagħha fit-tfassil tal-politiki nazzjonali dwar id-diżabilità;
55. JIPPROMWOVU d-dibattiti u l-parteċipazzjoni fil-konsultazzjoni pubblika dwar il-Green Paper dwar it-Tixjii, sabiex il-persuni akbar fl-età jkunu jistgħu jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom, mill-promozzjoni ta' stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa u t-tagħlim tul il-ħajja sat-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa u tal-kura;

JISTIEDEN LILL-KUMITAT TAL-IMPJIEGI U LILL-KUMITAT TAL-PROTEZZJONI SOĊJALI BIEX:

56. IKOMPLU JRAWMU perspettiva taċ-ċiklu tal-ħajja kollha fir-riflessjonijiet tagħhom dwar l-oqsma ta' politika fil-kompetenza tagħhom;

57. IKOMPLU JIPFROMWOVU t-tagħlim reċiproku u jikkondividu l-aħjar prattiki;
58. IKOMPLU jiżviluppaw indikaturi affidabbli u li jistgħu jitqabblu f'livell internazzjonali għall-kejl tal-benessri tal-persuni akbar fl-età fl-oqsma kollha ta' politika li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kumitati;

JISTIEDEN LILL-KUMITAT TAL-PROTEZZJONI SOĊJALI BIEX:

59. IKOMPLI l-ħidma analitika konġunta tiegħu, mal-Kummissjoni Ewropea, fuq it-tema tal-adegwatezza tal-pensjonijiet u dik tal-kura fit-tul, u perjodikament jipproduċi r-Rapport Konġunt dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet u r-Rapport Konġunt dwar il-Kura fit-Tul.
